# Is-sena 1418

Patri Martin D. Schembri O.Carm

Ftit tax-xhur ilu, fir-rivista *"Il-Karmelu"* (leħen il-Karmelitani ta' Malta), l-editur P Anthony Cilia – kumpann tiegħi u kunsillier fil-provinċja kiteb *"sitt mitt sena preżenza tal-Karmelu hawn Malta."* Tajjeb ngħidu li din ir-rivista hija frott tal-preżenza għax sa minn ħafna żmien ilu din ir-rivista tat lill-qarrejja ħafna tagħlim u spiritwalità Karmelitana.

Qabel din ir-rivista kellna oħra li kien jisimha *"Ir-Reġina tal-Karmelu"* li kien joħroġha il-Professur Patri Anastasju Cuschieri Karmelitan, poeta tal-Madonna u tal-kelma Maltija. Kellna kittieba oħra tajbin bħal P. Ronci, P. Valentin Borg Gusman, P. Feliżjan Bezzina, P. Lawrenz Sammut, P. Ewġenju Tonna u ma jistax jonqos P. Redent Gauci li kien sar Isqof fil-Peru. Għandna wkoll lil P. Serafin Abela, P. Damjan Cachia u ieħor iżgħar fl-eta, P.Charlo. U wara dawn il-kittieba kollha tajbin insibu oħrajn li ħeġġewhom biex jiktbu bħal per eżempju P. Ewgenju Tonna fil-ktieb tiegħu *"Qaddisin Karmelitani"* kien P.Victor Enriquez li dak iż-żmien kien editur tal-*"Karmelu"* li ħeġġu biex jagħmel dan il-ktejjeb fuq il-qaddisin Karmelitani.

Ukoll jekk taqra l-artiklu ta' Patri Felicjan Bezzina fuq patrijiet li tagħhom hemm il-pittura fil-kurituri tal-kunvent tal-Belt tinduna kemm kien hemm minnhom kittieba u poeti. Il-provinċja tista' tiftaħar b' P. Dward Bugeja, P. Dward Vella, P. Pier Tumas Gatt, P. Beneditt Caruana, Profs. Anastasju Cuscheri, P. Kerubin Farrugia, P. Valentin Borg Gusman, P. Felicjan Bezzina u P. Ugo Mallia li kien jikteb poeżiji fuq stil modern. Dnub li l-poeżiji tiegħu għadhom ma ġewx ippublikati kollha f'sett. Għandna ħafna patrijiet li taw sehemhom fil-qasam tal-mużika fosthom P. Ronci, P. Louis Bajada, P. Mario Enriquez, P. Daniel Sammut, P. Marcellin Scicluna, P. Franco Falzon, P. Ċirillu Ellul , P. Albert Mercieca u ħafna iżjed li xi kultant meta tara xi xogħolijiet tagħhom f'att ta' umiltà kienu jiffirmaw biss OCC, l-Ordni Karmelita Kalzat) mingħajr ma juru isimhom biex l-unur jieħdu l-ordni u mhux huma. U llum ma nistgħux ma nsemmux talenti żgħar oħra bħal P. Daniel Galea u P. Glen Attard. Ix-xewqa tiegħi hi li x-xogħolijiet ta' dawn jinġabru kollha f'salt.



Kif jiena iltqajt mal-1418, meta konna novizzi mill-1971-72 meta kienet qorbot l-festa ta San Leonardu fis-6 ta' Novembru, is-surmast P. Klement Caruana imqabbad mill-Pirjol P. Leone Buhagiar morna xi tlett ijiem qabel fil-kappella tal-Lunzjata. Dak iż-żmien bil-ħeġġa ta' P. Dumink Vassallo, il-Karmelitani reġgħu ħadu f'idejhom il-kunvent li kien mikri għand il-Familja Pisani tal-Belt. Malli s-surmast fetaħ il-bieb u għaddejna mill-ġnejna biex niġu għall-bieb tas-sagristija tal-kappella u dħalna ġewwa rajna li din kienet qisha stalla tal-animali kollha tiben. Aħna l-ħames novizzi u s-surmast għamilna xi 4 sigħat biex sbarazzajna u naddafna il-kappella. Jumejn wara bl-għajnuna ta' Fra Romeo Bezzina ħadna l-affarijiet liturġiċi biex fis-6 ta' Novembru issir quddiesa kantata. Fis-saqaf rajt l-ewwel darba l-1418, il-miġja tal-Karmelitani hawn Malta. Staqsejt lis-surmast x'kienet dik l-1418 u b'qalb ta' Karmelitan vera beda jgħidilna fuq il-miġja tal-karmelitani f'pajjiżna u beda jsemmi ismijiet ta' patrijiet u frajiet li kien jaf hu. L-għada saret il-quddiesa kantata li ġiet iċċelebrata mill-pirjol P. Leone. Waqt din il-quddiesa, djaknu kien P.Alfred Tabone, suddjaknu P. Patrick Abela, assistant preskutur kien P. Serafin Abela, ċerimonier kien P. Daniel Bugeja, is-surmast P. Klement u tnejn minna Fra Lino Scalpello u Fra Mario Mifsud kantaw u Fra Tony Cilia, Fra Vincent Sciortino u jien għamilna servizz.



*Is-Sinjura Margerita d'Aragona*
*Fundatriċi tal-Lunzjata l-Qadima*

Tajjeb li nsemmu li meta kont Ruma (għal ftit) iltqajt ma patri storiku Irlandiż li bħalissa ismu ma nistax niftakru, li qalli li il-Karmelitani kienu ġew Malta qabel il-1418 għax kienu nstabu xi dokumenti ġewwa arkivju antik. Żgur li l-preżenza tal-Karmelu f'Malta ma ġietx mibnija biss fuq dawk li ħallew isimhom miktub fl-istorja b'xi mod jew ieħor. Esperjenza li ġrat lili ftit taż-żmien ilu ġewwa ż-Zebbiegħ waqt li kont qed nixtri xi ftit ħaxix għall-kunvent u ġiet mara naqra anzjana u bil-ferħ fuqha qabditli l-labtu bisitu, poggietu ma moħħha u qalet talba ta' protezzjoni li tgħid hekk *"Marija tal-Karmnu għini inħobb lil Ibnek"*. Jiena bqajt iċċassat. Din il-mara anzjana qaltli bid-dmugħ f'għajnejha li z-ziju tagħha kien Fra Alwiġ u darba fix-xahar kien imur għandhom u jeħdilhom xi labtijiet u qaltli li d-dar għandha inċizjoni tas-Santwarju inkurunat. Dak il-ħin ftakart li l-bronż ta' din l-inċizjoni għadha teżisti fil-kunvent tal-Belt u li Patri Paul Gatt kien qalli li minn dawn kienu stampaw 200 f'għeluq tal-għaxar snin mill-inkurunazjoni, jiġifieri fis-sena 1891. Din l-anzjana kompliet tgħidli li dik it-talba li kienet għadha kemm qaltli kien għallimielha dan iz-ziju Fra. Prova ta' kemm dawn ir-reliġjużi li kienu komunità waħda u kif taw spirtu ta' l-Ordni kull fejn kienu jkunu. Jien kont nisma' lil Patri Klement jgħid kif ħuħ Patri Wistin Caruana sar jaf bil-Karmelitani għax Patri Alfons Zammit kien imur iż-Żejtun jieħu l-ħwejjeġ għall-ħasil għand tal-familja. Sintendi dak iż-żmien kien ikun libes it-tonka (għax ma kienx hawn kriżi ta' identità bħal llum) u Patri Wistin staqsieh min hu u beda jħajru biex isir Karmelitan. Wara Patri Wistin gibed lil ħuħ ukoll. Żewġ patrijiet li tista' tgħid bla tlaqlieq li daru l-pulptijiet kollha ta' Malta u Għawdex bħal ma qed jagħmlu ħafna patrijiet oħra ta' żmienna bħaż-żgħar P. Renald Lofreda u Patri Victor Paul Farrugia Ciarlò. Preżenza Karmelitana kienet ukoll fl-għaqdiet bħal

Patri Damjan Cachia fl-Azzjoni Kattolika, P Klement Caruana u P Leonard Mahoney fil-Legion of Mary. P. Klement Caruana minħabba l-Legion of Mary kellu jiffaċċja l-Qorti. Barra dawn il-patrijiet u frajiet kien hemm ukoll minnhom li fis-skiet tal-kunvent u l-knisja ħadmu għall-glorja ta' Alla u l-Madonna tal-Karmnu. Għadni nisma' lill-professur jgħid lil Patri Anselmu Chircop *"ser naqtagħlek saqajk għax int martri tal-konfessinarju"*. Dan kien jagħmel tmien sigħat kuljum fil-konfessinarju. Terġa' bħal dawn il-konfessuri jistennew il-penitenti kellna bosta fil-provinċja; titkellem ma nies minn Tas-Sliema jgħidulek kemm il-Balluta kellna patrijiet minn dawn. Ma jonqosx ix-xogħol manwali li ħafna frajijiet għamlu bla ma kienu joqgħodu jistennew grazzi u prosit. Għadni niftakar lill-Wisq Reverendu Kiljan Heali , Ġeneral tal-Ordni fl-1970 jgħid li s-sinsla spiritwali tal-provinċja Karmelitana Maltija hija s-sagrifiċċju u t-talb tal-frajiet li dak iż-żmien kienu għoddu mal-erbatax.



Id-devozzjoni Marjana u l-Labtu ħadmu ħafna biex il-preżenza Karmelitana f'pajjiżna tikber. Tajjeb insemmu dawk il-patrijiet li ma nafux isimhom li qabel l-inkurunazzjoni tal-Kwadru tal-Belt fl-1881 kienu nhar ta' Ħamis flok imorru għand tal-familja imorru tnejn tnejn fl-irħula iqassmu l-labtijiet u jitkellmu fuq il-Madonna. Din l-informazzjoni nafha minn P. Spir Grech li missieru kien factotum fil-festi tal-Inkurunazjoni u tal-Bażilika Minuri tal-Belt fl-1895.

It-Terzjarji ukoll kellhom patrijiet li ħadmu fl-irħula fejn ma hemmx preżenza Karmelitana. Tajjeb insemmu lil Patri Rafel Caruana u Patri Franġisku Grech. Dan tal-aħħar kien wieħed mill-patrijiet li kabbar it-Terz Ordni b'mod sinifikanti. Immaginaw tagħmel Kungress il-Mosta u barra li timla r-rotunda, in-nies kienu ukoll fuq iz-zuntier sa isfel. Dan nista' nixhdu jien għax kont hemm. Niftakar lil Patri Franġisku fis-Sajf b'dik it-tonka jeħodna miegħu inġorru dik il-bagalja kanella fis-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar biex naqbdu tal-linja għal Ħal-Qormi, s-Siġġiewi u l-Marsa. Tajjeb insemmu lil Patri Valentin Borg Gusman li beda t-Terz Ordni fiż-Żurrieq u f'Kerċem Għawdex. Għadni narah hu u missieru jmorru Għawdex anki fil-maltemp biex jagħmel il-konferenza.



Ma nistax ma nsemmix li l-labtu kien mezz ieħor kif kważi f'kull parroċċa kien isir artal tal-Madonna tal-Karmnu u b'mod speċjali fl-1951 meta sar dak il-lejl Karmelitan bis-saħħa ta' Patri Bernard Farrugia li kif jiktbu ċerti storiċi li qatt fuq il-fosos u t-toroq tal-madwar sal-Belt Valletta ma kien hemm poplu daqshekk tajjeb. Kellu għajnuna kbira mill-membri tal-Museum. Tajjeb infakkru li San Ġorġ Preca għażel hu li jidħol Terzjarju Karmelitan. Mhux ta' b'xejn jekk toqgħod iddur id-djar u ċ-ċimiterju kważi f'kull wieħed issib l-isem ta' Karmenu jew Karmena. Anki ċerti ċimiterji huma ddedikati lil Madonna tal-Karmnu bħal per eżempju dak ta' Ħal Tarxien, il-Mosta u s-Siġġiewi. Tista' tara li l-preżenza tal-Karmelu anki fin-niċeċ li hawn ma' Malta kollha ddedikati lill-Madonna tal-Karmnu, dawn huma frott tar-reliġjużi Karmelitani li b'awtentiċità u devozzjoni vera u mhux b'falsità emmnu u ħadmu biex l-Ordni tal-Aħwa tal-Verġni Imqaddsa Marija tal-Għolja tal-Karmelu ikunu jqimu lil Alla u lil Ġesu.



*Il-Kulleġġ tal-patrijiet Karmelitani - Sant' Elias*

**Il-Karmelu u l-Edukazzjoni**

Hawn Malta il-Karmelu kien ta' għajnuna fl-edukazzjoni. Tajjeb insemmu lil Patri Manwel Gatt li wara li ġie mill-Ingilterra beda jaħdem fil-qasam tal-edukazzjoni għaż-żgħażagħ li kellhom delinkwenza u għal ħafna snin preċizament sas-sebgħinijiet kien imexxi dak li konna ngħidulu 's-Salvatur' f' Santa Venera. Fl-edukazzjoni wkoll il-provinċja bdiet ġol-kunvent tal-Belt dak li llum huwa St Elias College li minnu ħarġu ħafna vokazzjonijiet Karmelitani u oħrajn li qegħdin isiru patrijiet f'ordnijiet oħra u anki qassisin fosthom dak li llum huwa r-rettur tas-Seminarju.

Patri li ra fil-bogħod kien P. Pietru M Dimech li beda l-iskola fil-kunvent tal-Belt, il-kunvent tal-Fgura, Fleur-de-Lys u l-missjoni li l-Provincja ħadet f'idejha tal-Peru. Tajjeb insemmu ukoll li qabel din il-missjoni tal-Peru kien hemm bosta patrijiet li marru jgħinu fit-twaqqif ta' provinċja Karmelitana oħra. Dawn kiteb tajjeb ħafna fuqhom P. Serafin Abela fil-ħarġa speċjali fuq il-missjoni *"Missionary Bulletin"* li dak iż-żmien kien l-editur tiegħu P. Anthony Cilia. Illum il-Karmelu ukoll qiegħed jagħti sehemu fl-iskejjel tal-


*L-aħħar ritratt tal-iskola fil-kunvent tal-Karmnu l-Belt 1952*

Knisja fejn insibu lil P. Charles Mallia jmexxi d-Dipartiment tal-Edukazzjoni fi ħdan il-Kurja ta' Malta. Meta nara u nisma fuq il-Kulleġġ nara tant patrijiet li ħadmu ħafna. Tajjeb insemmu lil Fra Franco Schembri li sa kemm l-iskola damet il-Belt kien inaddaf il-klassijiet u t-toilets ta' kuljum.


*L-aħħar Parroċċa tal-Orni Karmelitan dik ta Fleur-de-Lys f'1975*

Fl-edukazzjoni ukoll għar-reliġjużi kollha, il-Karmelu ta' daqqa t'id sewwa. Meta beda l-ħsieb biex ir-reliġjużi ta' Malta jingħaqdu flimkien biex jistudjaw il-filosofija u t-teoloġija dak li sar INSERM, l-ewwel rettur tiegħu kien P. Ewġenju Tonna u warajh sar P. Manwel Gatt. Fid-djoċesi l-Karmelitani wkoll ħadu piż kbir ta' erba' parroċċi. L-aktar ordni li għandu parroċċi. Terġa ħafna patrijiet kienu jieħdu ħsieb ħafna xogħolijiet barra l-kunvent bħal qrar fl-uffiċini tal-gvern; ġo moħħi qegħdin jiġu P. Pier Tumas Gatt, P Avertan Saliba u P. Victor Schembri. Issib ukoll ħafna li jmorru jagħmlu eżerċizzi fil-fabbriki u oħrajn jagħmlu ħafna xogħol ieħor fis-skiet għall- ġid tal-Poplu t'Alla.

Hawn ħafna affarijiet oħra li forsi xi darba niktibhom ukoll. Nispera li dan il-kontribut f'din is-sena tas-sitt mitt sena ikompli jħeġġiġna biex din l-għotja ta' ħutna inkomplu nieħdu ħsiebha u nitolbu biex ikollna aktar vokazzjonijiet. Ma naqtgħux qalbna għax għal Alla xejn ma hu impossibli.

*Żur is-sit tal-Parroċċa*

**www.fleurdelysparish.com**

*Vanessa Fenech*



*Soprano Accompanied by a qualified*
*Pianist & Guitarist for Weddings & other Occassions*
*Tel: 79059318*